

## WHAT IS GENDER EQUALITY?

Gender equality refers to that stage at which the rights, responsibilities and opportunities will not be determined by the fact of being born male or female.

Gender equality implies equal access to opportunities irrespective of one's gender but focuses on the individual's capabilities.

Unlike the sex of men or women that is biologically determined, the gender roles of women and men are socially constructed.

## GENDER EQUALITY IS A HUMAN RIGHT BELONGING TO EVERY INDIVIDUAL.

Gender equality emanates out of the advancement of human rights in the world. Just like all human rights, gender equality must be protected and promoted.

## WHAT IS GENDER MAINSTREAMING?

Gender mainstreaming is the process of integrating a gender perspective into all activities.

The ultimate goal of gender mainstreaming is to achieve gender equality.

## X'INHI L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI?

L-ugwaljanza bejn is-sessi tirreferi għal dak l-istadju li fih id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet m'humiex determinati mill-fatt jekk wieħed jitwelidx raġel jew mara.

L-ugwaljanza bejn is-sessi timplika li kulħadd ikollu aċċess indaqs għall-opportunitajiet irrispettivament mis-sess tal-persuna filwaqt li tiffoka fuq il-ħiliet ta' l-individwu.

Filwaqt li s-sess ta' raġel jew ta' mara huwa determinat bijoloġikament, hija s-soċjetà li ssawwar ir-rwol tagħhom bħala raġel u mara.

## L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI TAGĦMEL PARTI MID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM LI JGAWDI KULL INDIVIDWU.

L-ugwaljanza bejn is-sess titnissel mit-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja.

L-istess bħad-drittijiet kollha tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha titħares u titħeġġeġ.

## X'INHI L-INTEGRAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TA' L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI?

L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi hija l-proċess li bih tiddaħħal il-perspettiva tas-sessi fl-attivitajiet kollha mnedija.

L-għan aħħari ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi.

## GĦALIEX BĦALA DAK LI NĦADDEM/DIRETTUR, GĦANDI NDAĦĦAL L-INTEGRAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TA' L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI?

- *L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tinvolvi kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel filwaqt li tutilizza b'mod sħiħ ir-riżorsi umani.*

L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tirrispetta kemm l-irġiel kif ukoll lin-nisa. Bis-saħħa ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, kulħadd






## WHY SHOULD I AS AN EMPLOYER/DIRECTOR INTRODUCE GENDER MAINSTREAMING?

- *Gender Mainstreaming involves both women and men and makes full use of human resources.*

Gender mainstreaming respects both men and women. Through gender mainstreaming access to opportunities in employment are made equal thus utilizing the existing human resource capacity.

- *Gender mainstreaming leads to better administration.*

By introducing gender mainstreaming, policies would be gender inclusive and this in turn would make sure that such organisational policies will not negatively affect any of the genders. Thus gender mainstreaming leads to better administration.

- *Gender Mainstreaming takes into account the diversity among women and men.*

Men and women are not a homogenous group, they differ in various aspects. In order to pay due attention to this diversity, policies and policy instruments have to take diversity into account. Gender mainstreaming is able to target better the particular situation of different groups of men and women because it leaves room for diversity.

- *Gender mainstreaming allows new ideas and concepts to be created.*

ikollu l-istess opportunitajiet għax-xogħol u b'hekk tintuża l-firxa sħiħa ta' riżorsi umani eżistenti.

- *L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sess twassal biex ikun hemm tmexxija aħjar.*

Bis-saħħa ta' l-introduzzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, ikunu jistgħu jitfasslu policies imsejsa fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi li fih innifsu jara li dawn il-policies organizzattivi ma jaffettwawx ħażin lil xi wieħed miż-żewġ sessi. Għaldaqstant, l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi twassal biex ikun hemm tmexxija aħjar.

- *L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tqis id-diversità li teżisti bejn in-nisa u l-irġiel.*

L-irġiel u n-nisa m'humiex xi grupp omoġenju, imma jvarjaw f'aspetti varji. Sabiex din id-diversità tingħata l-attenzjoni mistħoqqa, il-policies u l-istrumenti li bihom jitfasslu l-policies għandhom iqisu din id-diversità. L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi kapaċi tolqot aħjar is-sitwazzjoni partikulari ta' gruppi differenti ta' rġiel u nisa minħabba li din tħalli l-wisa' għad-diversità.

- *L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tippermetti li jitnisslu ideat u kunċetti ġodda.*

Meta tinvolvi kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u fi ħdan il-gruppi ta' riflessjoni, il-prodotti u s-servizzi pprovduti jkunu aktar sensittivi għall-ħtiġijiet taż-żewġ sessi.

- *Il-policies li jħaddnu l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jwasslu biex ikun hemm aktar effiċjenza.*

B'hekk ma jispiċċawx jintilfu ħaddiema mħarrġa u dan minħabba l-arranġamenti li jsiru fuq il-post tax-xogħol, bħalma huma t-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol u t-telework. B'dan il-mod jinżammu dawk il-ħaddiema siewja.



By involving both genders in decision-making and in think tanks, products and services will be more sensitive to the needs of both genders

- *Gender mainstreaming of policies leads to more efficiency.*

Trained individuals would not be lost, since work arrangements such as reduced hours of work and teleworking will be provided, thus retaining valuable staff.

- *Gender mainstreaming is the way forward.*

Attracting the more able individuals from the human resource market is the challenge we face today. Providing policies and training initiatives sensitive to gender is a necessity. Gender mainstreaming accommodates the needs of each and every one of us.

- *L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tixhed il-pass 'il quddiem li jrid isir.*

L-isfida li qed ikollna nħabbtu wiċċna magħha llum hija li jirnexxilna nħajru mis-suq tar-riżorsi umani dawk l-individwi bl-akbar ħiliet. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li nipprovdu policies u opportunitajiet ta' taħriġ li huma sensittivi għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tieħu ħsieb il-ħtiġijiet li għandu kull wieħed minna.

## L-INTEGRAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TA' L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI FIL-PRATTIKA

- Kulmin iħaddem għandu jippjana u jagħżel bi prijorità liema policies għandhom jiddaħħlu għall-bidu. Kulmin iħaddem għandu jirrevedi proċessi partikulari ta' xogħol, kif ukoll policies u attivitajiet speċifiċi fi ħdan il-kumpanija.









## GENDER MAINSTREAMING IN PRACTICE

- An employer should plan and prioritise which policies to mainstream initially. The employer should review particular work processes, policies and activities within the business organisation.
- The following are simple steps to be followed in order to develop a gender mainstreaming plan:

1. Identify the person or group in charge and who will be responsible for gender mainstreaming.
2. Ensure that the concept is well understood.
3. Assess the situation at present, that is assess the services provided, employment conditions and the work environment.
4. List down the targets to be met as well as the expected results.
5. Identify the tools and techniques needed for the development and implementation of the policy plan including the need to educate the actors involved.
6. Set up a monitoring system.
7. Seek help and support from NCPE or other non-governmental organisations versed in these issues.

Dawn li ġejjin huma passi sempliċi li jistgħu jittieħdu bil-għan li jitfassal pjan b'riżq l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi:

1. Identifika dik il-persuna jew dak il-grupp responsabbli mill-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.
2. Ara li l-kunċett jinftiehem sew.
3. Evalwa s-sitwazzjoni ta' bħalissa, jiġifieri għarbel is-servizzi mogħtija, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol.
4. Niżżel x'inhuma l-għanijiet li jridu jintlaħqu kif ukoll ir-riżultati mixtieqa.
5. Identifika liema għodda u metodi huma meħtieġa għall-iżvilupp u t-twettiq tal-pjan tal-policy, inkluż il-ħtieġa li jkunu edukati l-persuni involuti.
6. Fassal sistema ta' monitoraġġ.
7. Fittex l-għajnuna u s-sapport mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (KNPU) jew mingħand għaqdiet oħrajn mhux governattivi midħla ta' dawn il-kwistjonijiet.

*Fatturi Kritiċi għas-Suċċess:*

1. Fassal pjan ta' policy b'riżq l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.
2. Agħżel inizjatur/mexxej li se jkun il-persuna li għandha r-responsabbiltà li tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.
3. Fassal pjan li jqis is-sitwazzjoni attwali. L-aħħar stadju hu li jkun hemm monitoraġġ tar-riżultati.
4. Hejji laqgħat spissi ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u l-klijenti sabiex tkun tista' tevalwa l-effetti ta' din il-policy. Dan kollu huwa meħtieġ sabiex tkompli tibni fuq dan it-tagħlim u jissaħħaħ il-potenzjal tiegħu.